SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12,
Tel : 21373111 Fax : 21373444
e-mail: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 15/K5/06

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 30/03/'06** **204**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 30/03/'06** **257**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 30 ta' Marzu 2006.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-2.30 p.m.

1.03 Preżenti: Ħames membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

1.04 Skużata: Il-Kunsilliera Irene Borg

1.05 Assenti: Il-Kunsillier David Borg

1.06 Kien hemm preżenti wkoll is-Sur Albert Borg mill-M.P. & D.C.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fis-27 ta' Marzu 2006. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Aġġornament Devoluzzjoni ta' l-Artijiet
4. Aġġornament Proġett Ta' Ġiorni
5. Performance Bonuses
6. Jum San Ġiljan
7. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 12/K5/06, 13/K5/06 u 14/K5/06 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 12/K5/06.

1.3.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 13/K5/06 u 14/K5/06.

1.3.06 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

1.3.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4** Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi items 3 u 4 qabel item 5.

**1.5** Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**3. Aġġornament Devoluzzjoni ta' l-Artijiet**

3.01 Il-Kunsill reġa' ġie ppreżentat b'kopja ta' l-ittra mingħand Lofaro & Tanti – Dougall f'isem Executive Car Parks Ltd. (inc. 738/06) u b'Memo 25/1999 rigward id-Devoluzzjoni Lokali (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Iċ-Chairman għamel riferenza għall-minuti 12/K5/06 taqsima 2 paragrafu 2.11 u għall-korrispondenza 738/06 fejn informa lill-Kunsill illi:-

- sar 'on site' meeting mar-rappreżentanti ta' l-Exclusive Car Parks Ltd. dwar it-talba tagħhom biex joperaw l-car park ta' ħdejn il-Lukanda Corinthia San Ġorġ ;
- fil-preżent diġa qed tintuża bħala 'car park' u għaldaqstant il-Kunsill mhuwiex ser jidħol fi spejjeż;
- jidher li l-entratura ta' dan il-car park hija fil-konfini ta' San Ġiljan peress li hija n-naħa tal-Lukanda Corinthia San Ġorġ li din ukoll taqa' taħt il-konfini ta' San Ġiljan;

3.03 Għal din ir-raġuni ċ-Chairman ippropona li l-Kunsill jitlob għad-devoluzzjoni ta' l-art.

3.04 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.06 Saret riferenza għal memo 25/1999 fejn is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u s-Sur Albert Borg, rappreżentant ta' l-MP&DC, taw spjegazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li huwa meħtieġ li l-Kunsill jieħu ċerti deċiżjonijiet fir-rigward it-talbiet tiegħu preċedenti sabiex tkun tista tkompli tesegwixxi d-deċiżjoni tal-Kunsill.

3.07 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi:-

- l-M.P. & D.C. jippreparaw id-dokumenti neċessarji biex issir id-devoluzzjoni ta' l-artijiet li hemm:-

  a) ħdejn it-Tigulio

  b) ħdejn il-Westin Dragonara

  c) ħdejn il-Corinthia San Ġorġ

  d) il-Pjazza tal-Balluta

  e) Ta' Ġiorni fejn qed isir il-Proġett tal-Kuridur Ekoloġiku

- b'riferenza għall-Memo 25/1999 paragrafu 3.2:-

  a) l-għan ta' l-użu tal-propjetajiet mill-Kunsill (minn a – d) hu biex jintużaw bħala 'controlled car parks'.

  b) Ta' Ħdejn it-Tiġulio, il-Westin Dragonara u ta' ħdejn il-Corinthia San Ġorġ diġa qed jintużaw bħala car parks filwaqt li l-area tal-Pjazza tal-Balluta, fil-preżent, qed tintuża bħala 'recreational area'.

  c) il-Kunsill m'għandux il-ħsieb li jagħmel xi spejjeż għal tibdil strutturali iżda għandu l-ħsieb li dawn isiru minn terzi persuni.

  d) il-propjeta tiġi mikrija lill-terzi persuni.

  e) L-ispejjeż li għandu l-Kunsill huma ta':-
     - l-MP & DC biex jippreparaw u jissottomettu d-dokumenti neċessarji biex issir din it-talba tad-devoluzzjoni ta' l-artijiet,

- ♦ biex isiru s-surveys
- ♦ spejjeż ta’ l-accountant biex isiru il-financial feasibility study.

- ➢ B’riferenza għal **(e) Ta’ Ġiorni fejn qed isir il-Proġett tal-Kuridur Ekoloġiku,** l-ewwel fażi ta’ dan il-Proġett hija lesta u din ġiet ffinanzjata mill-Kunsill biex sar il-ġnien, filwaqt li t-tieni fażi qed jiġi ffinanzjata mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija. F’din il-fażi qed isir futbol pitch 5 a-side u playing field. L-iskop tal-Kunsill huwa li eventwalment meta titlesta t-tieni fażi dan jinkera lill-terzi persuni.

- ➢ B’riferenza għal **(d) il-Pjazza tal-Balluta** ċ-Chairman informa lill-Kunsill li ġie nfurmat verbalment illi ma tantx hemm fejn tinżel taħt l-art biex isir il-car park għalhekk issuġġerixxa li l-Kunsill jiltaqa’ mal-propjetarju tal-Lukanda Le Meridian biex jiġi diskuss il-possibilita’ li jsir xi żvilupp magħhom biex isir car park. Jekk il-proposta tal-Kunsill tiġi aċċettata ċ-Chairman jiċċekkja mal-MEPA biex jara jekk il-fondi li hemm tal-commuted car parks jistgħux jiġu utilizzati għal dan l-iskop.

3.08 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi s-Sindku Peter Bonello, l-Viċi Sindku Karl Gouder, l-Kunsillier Edgar Montanaro flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u r-rappreżentant ta’ l-MP&DC is-Sur Albert Borg jiġu maħtura f’sotto-kumitat u jekk ikun hemm bżonn ta’ deċiżjoni, l-Kunsilliera jiġu nformati bid-deċiżżjoni li tkun ser tittieħed.

## 4. Aġġornament Proġett Ta’ Ġiorni

4.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-korrispondenza mingħand Schranz Ltd. u d-Direttur tal-Bini u Tiswijiet tad-Djar u bl-ittra mingħand l-Malta Football Association (Ara Appendiċi ‘B’).

4.02 Il-Kunsill ġie nfurmat bil-laqgħa li saret mal-President tal-MFA, l-Avukat Joe Mifsud, li għaliha attendew is-Sindku Peter Bonello, il-Kunsilliera Irene Borg, is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u s-Sur Albert Borg rappreżentant ta’ l-MP&DC.

4.03 Is-Sur Albert Borg spjega illi mit-tipi differenti tal-pitches li qed joffru l-MFA l-pitch tat-tip nru. 2 huwa l-aktar wieħed addattat għall-ground f’Ta’ Ġiorni. Ġie spjegat ukoll illi qabel tittieħed xi deċiżjoni l-Kunsill għandu jikkunsidra l-ispejjeż kollha nvoluti bejn dak li hemm fit-kuntratt ma’ Schranz Ltd għal dak ta’ l-MFA. Parti mill-ispejjeż biex isir il-pitch tip nru 2 ta’ l-MFA huma:-

- ➢ Lm 3000 għad-differenza tal-qies tal-pitch

- ➢ Bejn Lm 1500 u Lm2700 għal installazzjoni

- Spejjeż għat-trasportazzjoni mill-Malta Seaport sas-sit fejn ser jiġi nstallat

- Spejjeż oħra tal-port, VAT, dwana

- Spejjeż ta' Schranz Ltd sabiex jerġgħu jsiru xi xogħolijiet biex joqgħod il-pitch tip 2

4.04 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li:

- s-Sur Albert Borg jitlob stima lil Schranz Ltd. għax-xogħol ta' konstruzzjoni li hemm bżonn li jsiru biex ikun jista' isir il-pitch Type 2.

- l-Kunsill jikteb lill-Malta Football Association sabiex jingħata aktar tagħrif dwar xi spejjeż oħra li hemm involuti (l-ammont viċin tad-duty, vat, installazzjoni etċ.) minbarra l-ammont ta' Lm3,000.00 għad-differenza bejn il-Mini Pitch type no. 1 u dak ta' type no. 2.

4.05 Jekk jirriżulta li d-differenza bejn il-pitch tal-kuntrattur Schranz Ltd. u dak tal-MFA hija minima, il-Kunsill jaċċetta li jagħmel il-pitch skond il-kuntratt ma' Scharnz Ltd.

4.06 Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Albert Borg u lis-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker.

4.07 Is-Sur Albert Borg ġie skużat fil-3.30 p.m.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma: -

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 906 | Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Konferenza Internazzjonali dwar l-Immaniġġjar tar-Riżorsi Kostali ta' Rikreazzjoni. |
| 932 | Memo mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward ir-Rapport ta' l-Awditur Ġenerali. |
| 1147 & 1203 | E-mails mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja 2006-2007. |
| 974 & 1250 | E-mails mingħand it-Traffic Management Directorate rigward l-Iskema tal-parkeġġ għar-Residenti. |

1036 E-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward cleaning services fil-Millenium Chapel u kopji ta' estratt ta' l-Avviż Legali 155/93 u proċeduri ta' l-1996 dwar Kunsilli Lokali (Finanzi).

1076 Ittra mingħand it-Traffic Management Directorate rigward 'no entry' minbarra għar-residenti li joqogħdu fi Triq il-Arċisqof Romero.

1082 & 1162 Ittra mingħand Sant and Mugliett u oħra mingħand is-Sur David Tortell dwar site inspection għal overflow għad-dar Stella Alpina fi Triq il-Fraxxnu.

1099 Ittra mingħand l-EF International Schools rigward talba għal aċċess bit-taxi, fil-"pedestrian area" tal-pjazza fejn hemm il-Burger King, filgħaxijiet, fil-weekends.

1243, 1299 & K301 Ittri mingħand il-GRTU u t-Traffic Management Directorate u ittra li bagħat il-Kunsill dwar l-għeluq ta' Triq Elia Zammit filgħaxijiet.

1100 Ittra mingħand l-EF International Schools rigward talba biex issir "pedestrian crossing" fi Triq Santu Wistin ħdejn il-mini li jagħtu għas-Swieqi.

1136 E-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar twaqqif ta' Ċentri ta' l-Internet.

1181 Ittra mingħand San Ġiljan Aquatic Sports Club rigward Tournament Internazzjonali tal-Waterpolo.

1184 & 1357 E-mails mingħand St. Julian's Choral Group dwar kunċert mill-kor fil-Ġimgħa Mqaddsa.

1256 Ittra mingħand il-Bobby's Tattoo Studio rigward talba sabiex jagħmel u-shaped barriers fi Triq San Ġorġ k/m Triq Sant'Andrija quddiem il-Bloomers Bar and Restaurant.

1360 Ittra mingħand il-Kumitat Konġunt Sliema dwar tqassim tal-finanzi tal-Pooling System (LES).

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi: -**

2.02 Rif. Nru. 906

Saret riferenza għall-ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Konferenza Internazzjonali dwar l-Immaniġġjar tar-Riżorsi Kostali ta' Rikreazzjoni. Il-Kunsill kollu wera x-xewqa li jmur għal din il-konferenza minħabba li San Ġiljan huwa post turistiku, iżda minħabba li l-prezz huwa għoli ġie deċiż unanimament li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jattendu għal din il-Konferenza.

2.03 Rif. Nru. 1036

Saret riferenza għall-e-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, rigward cleaning services fil-Millenium Chapel, għal estratt ta' l-Avviż Legali 155/93 u għall-proċeduri finanzjarji ta' l-1996 dwar il-Kunsilli Lokali. Wara li din il-materja ġie spjegata u diskussa ġie deċiż unanimament li:-

- ssir laqgħa ma' Fr. Hilary Tagliaferro biex jiġi nfurmat bis-sitwazzjoni.
- d-Dipartiment għall-Gvern Lokali jiġi nformat li ser issir din l-laqgħa u risposta tingħatalu aktar tard.

2.04 Rif. Nri. 1099, 1243 u 1299

Saret riferenza għall-ittri mingħand l-EF International Language Schools, l-GRTU u t-Traffic Management Directorate rigward l-għeluq ta' Triq Elia Zammit filgħaxijiet. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgħa mat-Traffic Management Directorate sabiex tiġi diskussa din il-materja.

2.05 Rif. Nru. 1100

B'riferenza għall-ittra mingħand l-EF International Schools rigward talba biex issir "pedestrian crossing" fi Triq Santu Wistin ħdejn il-mini li jagħtu għas-Swieqi, l-Kunsill qabel li din l-ittra tiġi referuta lit-Traffic Management Directorate biex tittieħed kull azzjoni neċessarja..

2.06 Rif. Nru. 1136

Saret riferenza għall-e-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar twaqqif ta' Ċentri ta' l-Internet. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jittnaqqsu Lm120 mill-allokazzjoni bħala kontribuzzjoni għall dan is-servizz u li jiġi ffirmat il-ftehim mal-Ministeru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informatika.

2.07 Rif. Nru. 1181

B'riferenza għall-ittra mingħand San Ġiljan Aquatic Sports Club rigward Tournament Internazzjonali tal-Waterpolo, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill, għat-tieni sena konsekuttiva, jipparteċipa b'kollaborazzjoni ma' dan il-klabb biex jittella' dan it-tournament u li jiġu allokat Lm500 għal din l-attivita'.

2.08 Rif. Nru. 1256

Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Bobby's Tattoo Studio rigward talba sabiex jagħmel u-shaped barriers fi Triq San Ġorġ k/m Triq Sant'Andrija quddiem il-Bloomers Bar and Restaurant. Ġie deċiż unanimament li jiġi nfurmat li bħalissa l-Kunsill għaddej mill-proċess li joħroġ Bye-Laws dwar ir-reklami u għalhekk ma jistax jilqa' it-talba tiegħu. Iżda jekk ikun lest li jagħti donazzjoni ta' Lm50 għal kull reklam, fis-sena, sakemm tgħaddi din il-Bye-Laws, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jingħata l-permess dment li:-

- r-riklami li jagħmel ikunu ta' "Brand Awarness" biss jiġifieri li fuq ir-reklam jitniżżel biss l-isem tal-ħanut, fejn jinsab u l-ġeneru tal-ħanut mingħajr ma jinkiteb xi jbiegħ.

- Jintbagħat mudell / rittratt tal-barriers lill-Kunsill qabel ma jitwaħħlu.

## 5. Performance Bonuses

5.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Performance Bonus ta' l-impjegati għall-approvazzjoni. Hu għamel riferenza għall-Avviż Legali 127 ta' l-1998 regolamenti 6 u 19.

5.02 Iċ-Chairman Peter Bonello ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata l-performance bonus minħabba li tieħu kull inizzjattiva, hija effiċjenti, il-livell tax-xogħol tagħha huwa għoli u teċċedi dak mistenni minnha.

5.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.05 B'riferenza għall-performance appraisal ta' l-iskrivani s-Segretarju Eżekuttiv irrakkomandat li dawn jingħataw il-performance bonus peress li kollha jaħdmu team work u l-livell tax-xogħol huwa għoli.

5.06 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Performance Bonus ta' l-iskrivani.

5.07 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

5.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.09 Is-Segretarju Eżekuttiv għan-nom tagħha u ta' l-iskrivani rringrazzjat lill-Kunsill.

## 6. Jum San Ġiljan

6.01 Ġie deċiż unanimament li ssir ħarġa għall-anzjani bħala attivita' għal Jum San Ġiljan u li din issir nhar l-Erbgħa 12 t'April 2006.

6.02 Iċ-Chairman Peter Bonello ssuġerixxa li għal Jum San Ġiljan, fil-ġimgħa qabel il-festa titolari tittela' serata fil-ġnien ta' Palazzo Spinola fejn isir għotji ta' medalji f'ġieh San Ġiljan. Huwa informa lill-Kunsill li diġa għandu xi ismijiet u nformazzjoni ta' persuni li jistħoqqilhom din l-għotja. Għalhekk issuġerixxa li min jaf lil xi ħadd li ħaqqu ġieh San Ġiljan, tinġib l-informazzjoni fuq il-persuna. Aktar dettalji jingħataw il-quddiem.

## 7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

7.02 Il-Viċi Sindku Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

7.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsiru l-pagamenti ta' kontijiet oħra li rċieva dment li fejn huwa l-każ dawn jiġu ċċertifikati mill-Contracts Manager.

## 8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

8.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 1978 sa 2004 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

8.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn 1978 sa 2004.

8.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9. Materji Oħra

9.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

9.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

9.03 Il-Kunsill ġie nfurmat illi ser tinħareġ sejħa għall-offerti tal-kuntratti ta':-

- manutenzjoni ta' Sinjali u Marki tat-Traffiku (il-kuntratt preżenti jagħlaq fil-31 ta' Lulju 2006)

- Upkeep u Manutenzjoni tat-toroq (il-kuntratt preżenti jagħlaq fl-4 ta' Awissu 2006)

- Insurance (il-kuntratt preżenti jagħlaq fit-30 ta' Ġunju 2006)

- Accountancy Services (is-servizz preżenti ilu jingħata mis-sena 2001 u peress li fl-aħħar management letter inġibdet l-attenzjoni mill-awdituri).

- Iċ-Chairman reġa' ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill biex jgħaddu r-'write-up' tagħhom lill-amministrazzjoni biex ikun jista joħroġ il-ħarġa tal-magażine li jmiss.

9.04 Il-Kunsill ġie nformat ukoll illi:-

- ser isir transfer ta' Lm30,000.00 mill-account tal-BOV għal tal-HSBC.

- l-istima għat-trasport, li ser jiġi pprovdut mill-Kunsill għar-residenti li ser jattendu l-korsijiet, għand ST Microelectronics li ser jibdew f'April, hija ta' Lm368.15.

9.05 Ġie deċiż unanimament li:-

- isiru tnejn jew tlett bankijiet ħdejn Merħba Pharmacy f'Ta' Ġiorni.

- tintbagħat ittra lill-Spinola Development Co. Ltd. – Portomaso, sabiex jinfurmaw lill-Kunsill meta ser tinfetaħ it-triq ta' bejn Triq Spinola u Triq Wilġa. Kopja ta' din l-ittra tintbagħat lill-Onorevoli Ministru George Pullicino.

- jintbagħat reminder lit-Traffic Management sabiex Triq il-Mensija ssir one-way.

- jsiru U shape barriers, fuq il-bankina fi Triq Ivo Muscat Azzopardi minħabba li ta' sikwiet karrozzi qegħdin jitilgħu jipparkjaw fuqha, b'konsegwenza li kull darba qed tinqala' l-kerb stone.

- tintbagħat ittra lid-Dipartiment ta' l-Anzjani sabiex jerġgħu jikkunsidraw li jsir Day Centre għal anzjani f'San Ġiljan, minħabba li 78% tar-residenti ta' San Ġiljan huma anzjani. Il-Kunsill għandu l-ħsieb li dan il-Proġett jista jsir 'joint venture' mal-privat.

- ssir talba lill-Ministeru għar-Riżorsi u Infrastruttura sabiex isir ġibjun ħalli l-ilma li jinżel mill-Wied tal-Balluta ma jintilifx.

- tintbagħat ittra lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex fl-iskola Primarja Dun Mikiel Xerri, jiġi kkunsidrat li jsir Day Care Centre għat-tfal li l-ġenituri tagħhom jaħdmu t-tnejn.

- l-Uffiċċjal Awtorizzat tas-Sliema Joint Committee ta' l-L.E.S. jiġi mitlub jinforma lill-Kunsill b'kemm ingħataw ċitazzjonijiet fil-lokalita' ta' San Ġiljan mill-Green Wardens sa llum.

- il-Viċi Sindku Karl Gouder u l-Kunsillier Richard Scicluna jikkuntatjaw lill-Avv. Robert Camenzuli sabiex jaraw fiex waslet il-website tal-Kunsill.

- tintbagħat ittra lill-Ministeru tat-Turiżmu u l-Kultura sabiex isir bridge biex jgħaqqad il-passaġġ li hemm mad-dawra tal-baħar fi Triq Ġorġ Borg Olivier.

9.06 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ġie skużat fil-5.15 p.m.

9.07 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fil-5.35p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello<br>Sindku | Helen Walker<br>Segretarju Eżekuttiv |